



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Mejju 2017  
(OR. en)

XT 21017/17

LIMITE

BXT 25  
POLGEN 64

#### ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Grupp ta' Fiddma ad hoc  
dwar l-Artikolu 50 TUE ippresedut mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/...**

**ta' ...**

**dwar l-istabbiliment  
tal-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* dwar l-Artikolu 50 TUE  
ippresedut mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2009/881/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 dwar l-eżerċizzju tal-Previdenza tal-Kunsill<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 315, 2.12.2009, p. 50.

Billi:

1. Fid-29 ta' Marzu 2017, il-Kunsill Ewropew irċieva notifika mir-Renju Unit tal-intenzjoni tiegħu li jgħid li mill-Unjoni Ewropea, biex b'hekk jitnieda l-proċess skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).
2. Fid-29 ta' April 2017, il-Kunsill Ewropew adotta linji gwida kif previst fl-Artikolu 50(2) TUE. B'mod partikolari, huwa approva l-arranġamenti proċedurali stipulati fl-Anness għad-Dikjarazzjoni tas-27 Kap ta' Stat jew ta' Gvern kif ukoll il-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tal-15 ta' Diċembru 2016. Skont il-punt 4 ta' dak l-Anness, bejn il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat tar-rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (Coreper), meġġuna minn Grupp ta' Ħidma apposta bi president permanenti, ser jiżguraw li n-negozjati jitwettqu skont il-linji gwida tal-Kunsill Ewropew u d-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill, u tiġi provduta gwida lin-negozjatur tal-Unjoni.
3. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi stabbilit Grupp ta' Ħidma *ad hoc* dwar l-Artikolu 50 TUE ('Grupp ta' Ħidma "*ad hoc*" ) bi president permanenti.

4. Jenħtieġ li l-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* jassisti lill-Coreper u lill-Kunsill fil-kwistjonijiet kollha marbuta mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* jassisti lill-Coreper u lill-Kunsill matul in-negożjati skont l-Artikolu 50 TUE, f'konformità mal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew u d-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill. Minbarra dan, il-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* jista' jipprovdi assistenza dwar kwistjonijiet marbuta mal-proċess skont l-Artikolu 50 TUE li mhumex ser jiġu nnegożjati mar-Renju Unit.
- (5) Billi l-proċess skont l-Artikolu 50 TUE huwa wieħed temporanju, jenħtieġ li l-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* jieqaf jeżisti wara li jkun wettaq il-mandat tiegħu
- (6) Wara n-notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membru tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkun ħiereġ ma għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill f'deċiżjonijiet li jkunu jikkonċernawh,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* dwar l-Artikolu 50 TUE huwa b'dan stabbilit.

Dan għandu jiġi ppresedut mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

### *Artikolu 2*

Il-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* dwar l-Artikolu 50 TUE għandu jassisti lill-Coreper u lill-Kunsill fil-kwistjonijiet kollha marbuta mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

Dan għandu jieqaf jeżisti wara li jkun twettaq il-mandat tiegħu.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol FIS-SEĦĦ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---